# KNEJJES MAĦTUTA FL-IMDINA

Għalkemm l-Imdina ta' llum hi belt żgħira kemm fid-daqs kif ukoll fil-popolazzjoni, b'dankollu fiha numru sabiħ ta' Knejjes u Kappelli. Għidna fl-Imdina ta' llum għax fi żminijiet aktar qodma, il-Belt Rumana kienet wisq akbar u kienet tħaddem parti kbira mir-Rabat. Din il-belt, li kienet iġġib l-isem tal-gżira, jiġifieri Melita, iċċekknet fi żmien il-Biżantini jew l-Għarab.




*Din il-pjanta manoskritta turi l-Kappella tad-Donna Manna fl-inħawi ta' l-ispazju biswit is-sagristija tal-Kattidral.*

Fl-Imdina ta' llum insibu tliet knejjes kbar jew imdaqqsa li jintużaw kuljum għall-quddies u għall-funzjonijiet liturġiċi. Dawn huma l-Kattidral, il-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani u l-Knisja tal-Monasteru S. Pietru tas-Sorijiet Benedittini. Insibu wkoll il-Kappella magħrufa popolarment bħala Tad-Dawl (għall-Madonna tad-dawl) jew S. Rokku, li tintuża biss għad-duttrina jew devozzjonijiet marjani. Fl-aħħarnett insibu Knejjes u Kappelli li ma jinfetħux ħlief forsi darba f'sena jew f'xi okkażjoni speċjali, għalkemm bosta minnhom huma fi stat tajjeb ta' konservazzjoni. Dawn huma: S. Agata, il-Viżitazzjoni, S. Nikola, u S. Pietru.

Fl-imgħoddi jissemmew daqs seba' kappelli oħra li nħattu tul il-medda tas-snin. L-ispazju ma jippermettix li nagħtu tagħrif iddettaljat dwarhom iżda nagħtu biss lista tagħhom, bil-lokalità fejn kienu u għaliex twaqqgħu.

1. Il-Knisja tat-twelid tal-Madonna jew S. Marija della Porta,

li aktar tard biddlet l-isem u saret ta' S. Rokku - tinsab fil-ħitan tas-swar fid-daħla prinċipali ta' l-Imdina. Intużat għal xahrejn bħala Katidral wara t-terremot. Twaqqgħet fl-1728 biex inbena l-Palazz Maġisterjali, illum il-Mużew Vilhena. Il-Kwadru ta' S. Rokku flimkien ma' San Bastjan, tal-pittur Portugiż Emanuele Pereira, illum jinsab fil-Knisja ta' San Bastjan, ir- Rabat.;

2. Il-Knisja ta' l-Assunzjoni jew tal-Cuschieri fil-Pjazza tal-Katidral. Din twaqqgħet meta nbena l-Katidral ta' llum u tkabbritlu l-pjazza. Is-sit tagħha hu nkorporat fid-dar tas-sinjura Guzman Navarra, li aktar tard waqgħet ukoll biex terġa' titkabbar il-pjazza ta' llum.

3. Il-Knisja ta' Donna Manna, mibnija fl-1466 minn Donna Manna Falzon u Inguanez li twaqqgħet biex jinbena l-ambjent tas-sagristija preżenti tal-Katidral fi żmien l-Isqof Cagliares. Fil-Mużew tal-Kolleġjata ta' San Pawl, Rabat, hemm pjanta ta' din il-Kappella u l-inħawi tagħha, li qed tiġi hawn riprodotta;

4. Il-Knisja tas-Salvatur fuq is-sur fejn illum hemm in-niċċa u t-triq tas-Salvatur. Din twaqqgħet fi żmien l-Isqof F.X. Caruana milli jidher biex titkabbar id-dar tat-Teżorier. Il-Kwadru u l-fondazzjonijiet tal-knisja jinsabu fil-Kolleġjata ta' San Pawl, ir-Rabat.

5. Il-Knisja ta' S. Skolastika fit-triq tas-sur fl-inħawi bejn is-Salvatur u Casa Beaulieu. Wara li s-sorijiet ta' Santa Skolastika ġew trasferiti fil-Birgu fis-sena 1616, il-faċċata bl-arma ta' l-Isqof Valguarnera u l-ġebel li kien baqa' ġew maħtura fl-1679 u inkorporati fil-bini tal-Kor tal-Katidral.

6. Il-Knisja tal-Madonna della Rocca fl-inħawi ta' l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu nħattet fis-sena 1659 biex tinbena l-Knisja tal-patrijiet Karmelitani.

7. Il-Knisja tas-Salib Imqaddes, ipprofanata mill-Isqof Bueno fl-1668, ġiet maħtuta fl-1681 biex il-ġebel tagħha jintuża għall-kor tal-Kattidral. L-artal u l-fond-azzjonijiet ġew ittrasferiti għall-Knisja ta' San Pawl, ir-Rabat. Ta' min isemmi li fl-1732 l-Università, li kienet waqqgħet il-knisja ta' S. Rokku fil-bieb tal-Belt, bniet l-oħra mill-ġdid taħt it-titolu kemm ta' S. Rokku kif ukoll tas-Salib Imqaddes.

Kull waħda minn dawn il-Knejjes kellha storja tagħha u opri ta' arti, li x'uħud minnhom għadhom ikkonservati fi knejjes jew familji tan-nies li kienu bnew dawk il-knejjes; oħrajn ma nafux x'sar minnhom.

**Kan. Ġwann Azzopardi**